# SURMASTRIJIET TAL-BANDA

SAN ĠILJAN







**MRO. ANĠLU PULLICINO**

Mro. Anglu Pullicino kien l-ewwel surmast tal-Banda San Giljan. Hu dam jokkupa din il-kariga għal iżjed minn 40 sena u kellu jirtira minħabba saħħtu fl-1970. Ta' età żgħira Anglu wera l-kapaċità tiegħu fil-mużika. Hu studja taħt is-surmast famuż, Vincenzo Costa u l-armonija taħt is-surmast Giuseppi Abdilla. Matul dawn is-snin Mro. Pullicino rnexxielu jagħti isem tajjeb lil Banda San Giljan, tant li din kienet tkun mistiedna iddoqq f'ħafna bliet u rħula f'Malta u anke f'Għawdex. Mro.Pullicino baqa' jissemma għall-Innu Marċ u marċi brijużi tiegħu. Innu Marċ ta' Pullicino kien ifisser ħafna. Fost dawn insibu l-Innu Marc San Duminku (Valletta), Madonna tal-Karmnu, (Żurrieq) , Marija ( Tarxien), Maria Vittorja, ( Xagħra, Għawdex) u l-Innu marċ tant popolari tagħna San Giljan. Anglu Pullicino ikkompona ħafna marċi sbieħ li sal-lum għadhom jindaqqu mill-banda tagħna. Mro. Pullicino kien ġie rikonoxxut meta fl-1961 kien intagħżel, flimkien ma' l-aħjar żewġ surmastrijiet oħra, biex jidderieġi kunċert prestiġjuż, vokali u strumentali, li kien sar fir-Radio City Opera House.

**MRO. ALFRED DIMECH**

Meta is-Surmast Anglu Pullicino kellu jirtira mill-kariga ta' surmast tal-Każin, l-għażla waqgħet awtomatikament fuq is-Surmast Fredu Dimech, li kien aljiev ta' Pullicino u kien ilu jdoqq mal-Banda San Giljan sa mis-1947. Dimech twieled fl-1931 tas-Sliema u beda jistudja t-tejorija tal-mużika u l-armonija ta' 16 il-sena, l-ewwel taħt is-surmast Vincenzo Costa u wara taħt ibnu Mro. Carmelo Costa. Fl-1953 Dimech iggradwa u ħa d-Diploma tal-London College of Music. Dimech baqa' jistudja l-armonija avvanzata, l-orkestrazzjoni u l-piano taħt Mro. Joseph Casapinta, Mrs. Bice Bisazza u Mro. William Lovelock Smalldon. Kien surmast dedikat u kienu ħafna dawk l-aljievi li ħarġu minn taħt idejh. Mro.Dimech kien responsabbli għall-programmi mużikali li ġew organizzati meta l-Banda fakkret il-50 sena mit-twaqqif tagħha. Hu irtira mill-kariga ta' surmast fl-1978 minħabba impenji oħra.

**MRO RAYMOND CUTAJAR**

Fl-1978 Mro. Raymond Cutajar inħatar surmast tal-Banda San Giljan u għadu jokkupa dil-kariga sal-lum il-ġurnata. Raymond twieled fil-25 ta' Settembru, 1958 il-Belt Valletta. Ray trabba Bormla u ta' 10 snin ħareġ idoqq il-kurunetta mal-Banda San Ġorġ. Hu studja l-mużika taħt is-surmast Carmelo Ciantar u mill-ewwel spikka u wera t-talent tiegħu fid-daqq tal-kurunetta. Cutajar baqa' jistudja u speċjalizza fid-daqq ta' l-istrument favorit tiegħu tant li baqa' magħruf bħala wieħed mill-aħjar kurunettisti li kellna f'dawn l-aħħar 15 il-sena. Ta' 15 il-sena Ray intagħżel biex idoqq ma' l-orkestra tat-Teatru Manoel u ta' 16 il-sena ħa postu bħala 'kappella' mal-famuż surmast Guseppi Camilleri. Fl-1967 Raymond daħal fil-Forzi Armati ta' Malta u mill-ewwel sab postu bħala solista kurunetista fil-Banda ta' l-Armata. Raymond iżżewweġ San Ġiljan lil Marcelle u għandu żewġt itfal, Stephen u Lorraine.


**FRANS GREEN GROCER**

29A The Strand Sliema
Tel: 21 374964, 21 333284, 9949 6312 9947 0908
**is now also open (on a daily basis) at**
**PACEVILLE AVENUE, PACEVILLE**
Mon, Tues, Thurs, Fri: 10.00am to 7.00pm
Wed and Sat: 10.00am to 2.00pm
**FREE DELIVERY** **SPECIAL PRICES FOR RESTAURANTS**